II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/708

**tal-5 ta' Mejju 2022**

**li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi 2,5-dichlorobenzoic acid methylester, aċidu aċetiku, aclonifen, sulfat tal-ammonju tal-aluminju, aluminium phosphide, silikat tal-aluminju, beflubutamid, benthiavalicarb, boscalid, calcium carbide, captan, cymoxanil, dimethomorph, dodemorph, ethephon, ethylene, estratt mis-siġra tat-te, residwi ta' distilazzjoni tax-xaħam, aċidi xaħmin C7 sa C20, fluoxastrobin, flurochloridone, folpet, formetanate gibberellic acid, gibberellins, hydrolysed proteins, sulfat tal-ħadid, magnesium phosphide, metam, metamitron, metazachlor, metribuzin, milbemectin, fenmedifam, pirimiphos-methyl, żjut tal-pjanti/essenza tal-qronfol, żjut tal-pjanti/żejt tal-kolza, żjut tal-pjanti/żejt tan-nagħniegħ, propamocarb, proquinazid, prothioconazole, piretrini, ir-ramel kwarz, żejt tal-ħut, repellenti permezz ta' riħa ta' oriġini mill-annimali jew mill-pjanti/xaħam tan-nagħaġ, S-metolachlor, Feromoni tal-Lepidopteri ta' Katina Dritta, sulcotrione, tebuconazole u urea**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu, tal-Artikolu 17 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ([2]) tistabbilixxi s-sustanzi attivi meqjusa approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, filwaqt li l-parti B ta' dak l-Anness tistabbilixxi s-sustanzi attivi approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/745 ([3]) estenda l-perjodu ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva flurochloridone sal-31 ta' Mejju 2022. Dak ir-Regolament estenda wkoll il-perjodu ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi beflubutamid, benthiavalicarb, boscalid, captan, dimethomorph, ethephon, fluoxastrobin, folpet, formetanate, metazachlor, metribuzin, milbemectin, fenmedifam, pirimiphos-methyl, propamocarb, prothioconazole u S-metolachlor sal-31 ta' Lulju 2022, u tas-sustanzi attivi sulfat tal-aluminju u tal-ammonju,

([1]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/745 tas-6 ta' Mejju 2021 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi sulfat tal-aluminju u tal-ammonju, silikat tal-aluminju, beflubutamid, benthiavalicarb, bifenazate, boscalid, karbonat tal-kalċju, captan, diossidu tal-karbonju, cymoxanil, dimethomorph, ethephon, estratt mis-siġra tat-te, famossadon, residwi mid-distillazzjoni tax-xaħam, aċidi grassi C7 sa C20, flumjossażin, fluoxastrobin, fluworokloridon, folpet, formetanate, gibberellic acid, gibberellins, heptamaloxyloglucan, proteini idrolizzati, sulfat tal-ħadid, metazachlor, metribuzin, milbemectin, ir-razza 251 tal-Paecilomyces lilacinus, fenmedifam, phosmet, pirimiphos-methyl, żjut tal-pjanti/żejt tal-kolza, karbonat idroġenat tal-potassju, propamocarb, prothioconazole, ramel tal-kwarz, żejt tal-ħuta, repellenti permezz ta' riħa ta' oriġini mill-annimali jew mill-pjanti/xaħam tan-nagħaġ, S-metolachlor, Feromoni tal-Lepidopteri ta' Katina Dritta, tebukonażol u urea (ĠU L 160, 7.5.2021, p. 89).

silikat tal-aluminju, cymoxanil, estratt mis-siġra tat-te, residwi mid-distillazzjoni tax-xaħam, aċidi grassi C7 sa C20, gibberellic acid, gibberellins, hydrolysed proteins, sulfat tal-ħadid, żjut tal-pjanti/żejt tal-kolza, ir-ramel tal-kwarz, żejt tal-ħuta, repellenti permezz ta' riħa ta' oriġini mill-annimali jew mill-pjanti/xaħam tan-nagħaġ, Feromoni tal-Lepidopteri ta' Katina Dritta, tebuconazole u urea sal-31 ta' Awwissu 2022. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/195 ([4]) estenda l-perjodu ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva aclonifen sal-31 ta' Lulju 2022 u tas-sustanzi attivi 2,5-dichlorobenzoic acid methylester, aċidu aċetiku, aluminium phosphide, calcium carbide, dodemorph, ethylene, magnesium phosphide, metamitron, żjut tal-pjanti/essenza tal-qronfol, żjut tal-pjanti/żejt tan-nagħnieġ, piretrini u sulcotrione sal-31 ta' Awwissu 2022. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2069 ([5]) estenda l-perjodu ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva proquinazid sal-31 ta' Lulju 2022.

(3) L-approvazzjoni tas-sustanza attiva metam mistennija tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2022 f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 359/2012 ([6]).

(4) L-applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-approvazzjoni ta' dawk is-sustanzi ġew ippreżentati f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 844/2012 ([7]). Għalkemm ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 844/2012 ġie revokat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1740 ([8]), id-dispożizzjonijiet dwar it-tiġdid tal-approvazzjoni ta' dawk is-sustanzi attivi stabbiliti f'dak ir-Regolament jibqgħu japplikaw f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1740.

(5) Minħabba l-fatt li l-valutazzjoni ta' dawk is-sustanzi attivi ddewmet għal raġunijiet li ma kinux fil-kontroll tal-applikanti, aktarx li l-approvazzjonijiet ta' dawk is-sustanzi attivi se jiskadu qabel ma tkun ittieħdet deċiżjoni dwar it-tiġdid tagħhom. Għalhekk, il-perjodi ta' approvazzjoni tagħhom jeħtieġ jiġu estiżi biex jipprovdu ż-żmien meħtieġ ħalli titlesta l-valutazzjoni.

(6) Barra minn hekk, estensjoni tal-perjodu ta' approvazzjoni hija meħtieġa għas-sustanzi attivi u tal-ammonju, cymoxanil, dimethomorph, ethephon, fluoxastrobin, folpet, formetanate, gibberellic acid, gibberellins, metribuzin, milbemectin, fenmedifam, pirimiphos-methyl, propamocarb, prothioconazole u S metolachlorsulfat biex jingħata biżżejjed żmien għal valutazzjoni relatata mal-proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali ta' dawk is-sustanzi attivi skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 13 u 14 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 844/2012.

(7) Meta l-Kummissjoni tkun se tadotta Regolament li jipprevedi li l-approvazzjoni ta' sustanza attiva msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament ma tiġġeddidx għax ma jkunux ġew issodisfati l-kriterji għall-approvazzjoni, il-Kummissjoni trid tiffissa d-data ta' skadenza li tkun l-istess data ta' qabel dan ir-Regolament, jew id-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament, dejjem jekk l-approvazzjoni tas-sustanza attiva ma tiġġeddidx, skont liema data tiġi l-aħħar. Meta l-Kummissjoni tkun se tadotta Regolament li jipprevedi t-tiġdid ta' sustanza attiva msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni se tara li tistabbilixxi, skont iċ-ċirkostanzi, l-eqreb data ta' applikazzjoni possibbli.

(8) Għalhekk, r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/195 tat-3 ta' Frar 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni ta' bosta sustanzi attivi elenkati fil-Parti B tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 686/2012 (il-programm ta' tiġdid AIR IV) (ĠU L 31, 4.2.2017, p. 21).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2069 tat-13 ta' Novembru 2017 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni għas-sustanzi attivi flonicamid (IKI-220), metalassil, penoxsulam u proquinazid (ĠU L 295, 14.11.2017, p. 51).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 359/2012 tal-25 ta' April 2012 li japprova s-sustanza attiva metam, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 114, 26.4.2012, p. 1).

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 tat-18 ta' Settembru 2012 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' tiġdid għas-sustanzi attivi, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 252, 19.9.2012, p. 26).

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1740 tal-20 ta' Novembru 2020 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' tiġdid għas-sustanzi attivi, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 (ĠU L 392, 23.11.2020, p. 20).

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Mejju 2022.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 huwa emendat kif ġej:

1. Il-Parti A hija emendata kif ġej:

(1) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 88, Fenmedifam, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Lulju 2023";

(2) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 97, S-metolachlor, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Lulju 2023";

(3) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 110, Milbemectin, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Lulju 2023";

(4) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 142, Ethephon, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Lulju 2023";

(5) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 145, Captan, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Lulju 2023";

(6) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 146, Folpet, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Lulju 2023";

(7) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 147, Formetanate, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Lulju 2023";

(8) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 150, Dimethomorph, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Lulju 2023";

(9) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 152, Metribuzin, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Lulju 2023";

(10) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 154, Propamocarb, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Lulju 2023";

(11) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 156, Pirimiphos-methyl, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Lulju 2023";

(12) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 158, Beflubutamid, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Lulju 2023";

(13) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 163, Benthiavalicarb, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Lulju 2023";

(14) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 164, Boscalid, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Lulju 2023";

(15) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 166, Fluoxastrobin, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Lulju 2023";

(16) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 168, Prothioconazole, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Lulju 2023";

(17) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 215, Aclonifen, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Lulju 2023";

(18) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 217, Metazachlor, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Lulju 2023";

(19) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 218, Aċidu aċetiku, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Awwissu 2023";

(20) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 219, Sulfat tal-ammonju tal-aluminju, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Awwissu 2023";

(21) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 220, Silikat tal-aluminju, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Awwissu 2023";

(22) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 223, Calcium carbide, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Awwissu 2023";

(23) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 227, Ethylene, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Awwissu 2023";

(24) fis-sitt kolonna, Skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 228, Estratt mis-siġra tat-te, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Awwissu 2023";

(25) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 229, Residwi mid-distillazzjoni tax-xaħam, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Awwissu 2023";

(26) fis-sitt kolonna, Skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 230, Aċidi grassi C7 sa C20, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Awwissu 2023";

(27) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 232, Gibberellic acid, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Awwissu 2023";

(28) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 233, Gibberellins, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Awwissu 2023";

(29) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 234, Hydrolysed proteins, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Awwissu 2023";

(30) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 235, Sulfat tal-ħadid, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Awwissu 2023";

(31) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 241, Żjut tal-pjanti/essenza tal-qronfol, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Awwissu 2023";

(32) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 242, Żjut tal-pjanti/żejt tal-kolza, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Awwissu 2023";

(33) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 243, Żjut tal-pjanti/żejt tan-nagħniegħ, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Awwissu 2023";

(34) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 246, Piretrini, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Awwissu 2023";

(35) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 247, Ir-ramel tal-kwarz, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Awwissu 2023";

(36) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 248, Repellenti permezz ta' riħa ta' oriġini mill-annimali jew mill-pjanti/żejt mill-ħut, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Awwissu 2023";

(37) fis-sitt kolonna, Skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 249, Repellenti permezz ta' riħa ta' oriġini mill-annimali jew mill-pjanti/xaħam tan-ngħaġ, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Awwissu 2023";

(38) fis-sitt kolonna, Skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 255, Feromoni tal-Lepidopteri ta' Katina Dritta, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Awwissu 2023";

(39) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 257, Urea, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Awwissu 2023";

(40) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 260, Aluminium phosphide, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Awwissu 2023";

(41) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 262, Magnesium phosphide, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Awwissu 2023";

(42) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 263, Cymoxanil, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Awwissu 2023";

(43) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 264, Dodemorph, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Awwissu 2023";

(44) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 265, 2,5-Dichlorobenzoic acid methylester, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Awwissu 2023";

(45) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 266, Metamitron, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Awwissu 2023";

(46) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 267, Sulcotrione, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Awwissu 2023";

(47) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 268, Tebuconazole, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Awwissu 2023";

(48) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 302, Proquinazid, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Lulju 2023";

(49) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 354, Flurochloridone, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Mejju 2023";

2. Fil-Parti B, fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 22, Metam, id-data hija sostitwita bit-"30 ta' Ġunju 2023".